**ĦAL LUQA**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**It-TMIEN' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 3 – IL-ĦAMIS 5 TA' SETTEMBRU 2019**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi 174, Triq il-Ġdida, Luqa Il-Ħamis 5 ta' Settembru 2019 fil-17:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | John Schembri | Sindku |
| | Donald Cassar | Kunsillier |
| | Eric Camilleri | Kunsillier |
| | Frederick Aquilina | Kunsillier |
| | Victor Caruana | Kunsillier |
| | Lucia Massa | Kunsillier |
| Skużat | Kearon Bruno | Viċi Sindku |
| Uffiċċjali Preżenti | Michael Portelli | Segretarju Eżekuttiv |

## 1. QARI TAL-ITTRI TAL-APOLOĠIJA

1.1 Is-Sindku informa li l-Viċi Sindku kien imsiefer. Is-Segretarju qal li l-Kunsilliera Massa kienet se tiġi ftit tard għall laqgħa.

## 2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

2.1. Il-Kunsillier Caruana semma li kien hemm żball fit-Triq fir-rigward tal-punt li kien semma biex issir iż-żebgħa tat-toroq u l-Istop signs.

2.2 Il-minuti ġew ipproponuti mill-Kunsilliera Caruana u Camilleri u ssekondati mill-Kunsillier Cassar.

## 3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1. Is-Sindku ressaq stedina lill-Kunsilliera biex nattendu għad Delta summit li kien ser isir f' Ottubru.

3.2 Is-Sindku ressaq email fuq inizjattiva biex nattendu għall laqgħa fuq id-donazzjoni tal-organi.

3.3 Is-Sindku semma li kienu ser isiru Language courses li għalihom jistgħu jattendu wkoll il-Kunsilliera.

3.4 Is-Sindku semma li rċevejna email minn studenta li qed tistudja l-mediċina li din offriet li jistgħu jsiru Health checks għar residenti li nistgħu norganiżżawhom waqt xi attività li jkollna fil-lokal.

3.5 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera fuq stedina li konna irċevejna biex il-Kunsilliera jattendu għall inawgurazzjoni tal-flyover li kienet ser issir l-għada l-Ġimgħa.

## 4. TWEĠIBIET GĦALL MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

4.1 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq il-U Bars li kellhom jitwaħħlu quddiem il-ħanut I Love Gutz ta Triq Patri Damjan Taljana għax dawn kellhom jiġu ordnati. Is-Sindku semma li quddiem il-Lidl hemm żebra Cross li irridu naraw fuq l-istat tagħha.

4.2 Il-Kunsillier Caruana semma li kienet kellmitu persuna li saqsietu għall linji fi Triq G Tragance.

4.3 Il-Kunsillier Caruana saqsa li kif kienu se jsiru xi xogħolijiet fi Triq San Tumas u Triq il-Kunsill tal-Ewropa nippruvaw inkellmu lil persuni responsabbli biex fl-istess waqt isiru x-xogholijiet f' Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra.

4.4 Il-Kunsillier Caruana semma li t-tabella tas-Summer School kienu għadhom ma ġewx irranġati. Is-Sindku qal li għas sena d-dieħla issa nitkellmu sewwa mas-Surmast biex din tkun ikkordinata aħjar.

4.5 Il-Kunsillier Aquilina semma li l-kuntrattur li kien ħadem fuq l-ilma ta' Triq il-Papa Innocenzju kien ħalla ħafna ħmieġ. Is-Sindku semma li huwa kien kellem lill-kuntrattur tal-knies biex jaħsel bil-bowser u kien kellem lill-kuntrattur li għamel ix-xogħol biex jerġa jsir l-imprint kif kien.

4.6 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm dagħjsa mitluqa Triq ir-Rixtellu li kien hemm il-ħmieġ taħtha. Is-Sindku semma li huwa kien bagħat lill-ħaddiema biex inaddfu madwarha.

4.7 Il-Kunsillier Aquilina saqsa jekk fejn qed isiru l-water culverts jistgħux jiġu mgħoddija żewġ katusi. Is-Sindku semma li qed isiru catchments kbar apposta li se jkunu qed jakkomodaw għall volum tal-ilma.

4.8 Il-Kunsilliera Massa qalet li kien hemm xi individwu li għamel pussess miż-żona ta' maġenb il-Kappella ta' Ħal Farruġ u tefa' d-dagħjsa tiegħu hemm. Il-Kunsillier Camilleri qal li jaf bil-każ u hawnhekk intervjeniet il-Kurja u l-Pulizija.

4.9 Il-Kunsilliera Massa qalet li qed ikun hawn ħafna ipparkjar fit-toroq ta' karozzi tal-kiri li mhux qed iħallu post għar residenti fejn jipparkjaw. Il-Kunsillier Camilleri semma li huwa kien diġà irrefera għall Pulizija u anki saru xi rondi u ngħataw ċitazzjonijiet.

## 5. PROĠETT TAL-LATRINA, TRIQ DUN PAWL

5.1 Is-Segretarju semma li bħalissa qed isir l-evalwazzjoni fuq dan it-tender minn naħa tal-Bord. Huwa semma li din waslet biex tiġi konkluża u jinforma lill-Kunsill fil-laqgħa li jmiss.

## 6. GĦOTI ĠIEĦ ĦAL LUQA

6.1 Is-Sindku semma li kien ġej Kardinal ġewwa Ħal Luqa li kien se jkun fl-istess żmien li kienet ippjanata Jum Ħal Luqa. Huwa semma li jaqbel li ssir xi ħaġa ma dan il-kuntest.

6.2 Is-Sindku saqsa lill-Kunsillier Camilleri biex nikkordinaw għall attività. Il-Kunsillier Camilleri irrisponda li nistgħu norganiżżaw car show ukoll u din kien se jikkordina wkoll il-Kunsillier Caruana.

6.3 Il-Kunsillier Camilleri qal li għall attività l-kbira huwa se jkun qed jikkordina mal-Ministeru tal-Onor. Konrad Mizzi biex issir laqgħa u b' hekk tkun tista tinġieb l-għajnuna neċessarja.

## 7. TRAFFIC MANAGEMENT WESGĦET IL-VITTMI TAL-GWERRA

7.1 Is-Sindku semma li kellu laqgħa riċenti mal-uffiċċjali tat-Transport Malta fejn infurmawh li kien ser jerġa jsir tibdil fuq it-traffic management ta' Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra. Huwa qal li l-proposta kienet biex Triq Dun Ġużepp Micallef tkun one way u kienu diġà bdew iwaqqgħu l-ħajt ta' Triq il-Kunsill tal-Ewropa fejn imiss ma Triq Ġanni Vassallo.

## 8. CONTRACTS MANAGER

8.1 Is-Sindku irrefera għall Ċirkulari li kienet waslet minn naħa tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali fuq l-obbligu li l-Kunsilli Lokali iridu jingaġġaw Contracts Manager. Huwa semma li fil-jiem li ġejjin se jkun ippreparat tender apposta għalhekk.

8.2 Il-Kunsillier Camilleri semma li ma dan il-persuna meta jintgħażel iridu nimxu b' mod strett biex il-Kunsill verament jieħu valur għall flusu.

## 9. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

9.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet fuq pagamenti

## 10. TMIEM TAL-LAQGĦA

10.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiemha il-Ħamis 5 ta' Settembru fis-6.15 pm. Kien hemm proposta l-ġurnata tat-3 t' Ottubru għall laqgħa li jmiss.

| | |
|---|---|
| **John Schembri** | **Michael Portelli, BA (Hons), MA CHM, MBA** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |